



Brussell, 24 ta' Settembru 2019  
(OR. en)

8490/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0189(COD)**

---

**CODEC 921**  
**PI 68**  
**PE 181**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-proċedura ta' Corrigendum<br>(Strasburgu, 16 ta' April 2019 u 17 ta' Settembru 2019) |

## **I. INTRODUZZJONI**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni<sup>1</sup>, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl leġislattiv fl-ewwel qari.

---

<sup>1</sup> ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5

Dan il-fajl kien mistenni<sup>2</sup> jgħaddi minn proċedura ta' Corrigendum<sup>3</sup> fil-Parlament Ewropew il-ġdid wara l-adozzjoni mill-Parlament preċedenti tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

## II. VOTI

Fis-seduta tiegħu tas-16 ta' April 2019, u wara negozjati interistituzzjonali informali, il-Parlament Ewropew adotta l-emenda numru 20 (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) għall-proposta tal-Kummissjoni u risoluzzjoni leġislattiva bil-ksieb tal-adozzjoni tal-proposta msemmija hawn fuq, li tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedement bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, fis-17 ta' Settembru 2019 il-Parlament Ewropew approva corrigendum għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

Permezz ta' dan il-corrigendum, il-Kunsill għandu jkun jista' japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness<sup>4</sup> hawnhekk, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

<sup>2</sup> 8507/19

<sup>3</sup> Regola 241, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

<sup>4</sup> It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsabu fl-Anness. L-emendi huma ppreżentati fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**L-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (COM(2018)0365 – C8-0383/2018 – 2018/0189(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0365),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0383/2018),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Marzu 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0036/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jieħu nota tat-tliet dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni, li l-ewwel u t-tieni waħda fosthom se jiġu ppubblikati fis-serje L ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-att leġislattiv finali;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 110, 22.3.2019, p.55.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>6</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>7</sup>,

---

<sup>6</sup> *ĠU C 110, 22.3.2019, p. 55.*

<sup>7</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019.

Billi:

- (1) Sabiex l-Unjoni tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ il-kompetenza esklussiva tagħha fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni tagħha, ***u f'konformità sħiħa mal-impenji tagħha skont il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ***, ser issir Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("l-Att ta' Ġinevra") skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...<sup>8+</sup>, ***filwaqt li tawtorizza wkoll lill-Istati Membri biex jirratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew jaderixxu miegħu fl-interess tal-Unjoni***. Il-partijiet kontraenti għall-Att ta' Ġinevra huma membri ta' Unjoni Speċjali maħluqa bil-Ftehim ta' Lisbona għall-Protezzjoni ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom ("l-Unjoni Speċjali"). F'konformità mad-Deċiżjoni (UE).../...<sup>++</sup>, l-Unjoni ***u l-Istati Membri li rratifikaw l-Att ta' Ġinevra jew aderixxew miegħu jridu*** jiġu rappreżentati mill-Kummissjoni fl-Unjoni Speċjali ***fir-rigward tal-Att ta' Ġinevra***.

---

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta'... dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L [...], [...], p. [...]).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk joġġbok fit-test daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 6929/19 u kkompleta in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk joġġbok daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU li jinsabu fid-dokument ST 6929/19.

- (2) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu li l-Unjoni teżerċita **il**-drittijiet u *twettaq l*-obbligi stabbiliti fl-Att ta' Ġinevra, f'isimha u f'isem l-Istati Membri li jirratifikawh jew jaderixxu ma' dak l-Att.
- (3) L-Att ta' Ġinevra jipproteġi denominazzjonijiet ta' oriġini *skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012<sup>9</sup> u (UE) Nru 1308/2013<sup>10</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll indikazzjonijiet ġeografiċi skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014<sup>11</sup> u (UE) 2019/787<sup>12</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* **il**, li flimkien jissejħu "indikazzjonijiet ġeografiċi" f'dan ir-Regolament.

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

<sup>11</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).*

<sup>12</sup> *Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).*

- (4) Mal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra *u sussegwentement, fuq bażi regolari*, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta *applikazzjonijiet* lill-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali ("il-Bureau Internazzjonali") *għar-reġistrazzjoni internazzjonali* fir-reġistru tal-Bureau Internazzjonali ("ir-Reġistru Internazzjonali") ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw u li huma protetti fit-territorju tal-Unjoni. *Jenħtieġ li tali applikazzjonijiet ikunu bbażati fuq notifiki minn Stati Membri li jaġixxu fuq inizzjattiva proprja tagħhom jew fuq talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew minn benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tiegħu. Meta jippreparaw in-notifiki, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-interess ekonomiku fil-protezzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi kkonċernati u jieħdu kont, b'mod partikolari, tal-valur tal-produzzjoni u tal-valur tal-esportazzjoni, tal-protezzjoni skont ftehimiet oħra, kif ukoll tal-użu ħażin attwali jew potenzjali fil-pajjiżi terzi.*

- (5) *Ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fir-Reġistru Internazzjonali jenħtieġ li sservi l-finijiet li jkunu provduti prodotti ta' kwalità, kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tal-konsumaturi. Fid-dawl tal-valur kulturali u ekonomiku sinifikanti tagħhom, ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi jenħtieġ li tiġi vvalutata fir-rigward tal-valur maħluq għall-komunitajiet lokali, bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-iżvilupp rurali u li jiġu promossi opportunitajiet ta' impjegi ġodda fil-produzzjoni, l-ipproċessar u servizzi relatati oħra.*
- (6) *Sabiex tistabbilixxi djalogu kontinwu mal-partijiet interessati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tuża mekkaniżmi eżistenti biex tikkonsulta lill-Istati Membri, assoċjazzjonijiet kummerċjali u produtturi tal-Unjoni b'mod regolari.*
- (7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri xierqa biex il-Kummissjoni tivvaluta l-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw mill-Partijiet Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra li mhumie x Stati Membri ("Partijiet Kontraenti terzi"), u li huma reġistrati fir-Reġistru Internazzjonali, sabiex tiegħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni fl-Unjoni u biex *invalida* dik il-protezzjoni, fejn ikun rilevanti.

- (8) L-infurzar mill-Unjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw f'Partijiet Kontraenti terzi u li huma reġistrati fir-Reġistru Internazzjonali jenħtieġ li jitwettaq skont il-Kapitolu III tal-Att ta' Ġinevra, b'mod partikolari mal-Artikolu 14 tiegħu, li jirrikjedi li kull Parti Kontraenti tagħmel disponibbli rimedji legali effettivi għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati u jistipula li proċeduri legali biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' tali indikazzjonijiet jistgħu jitressqu minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe parti interessata, sew jekk persuna fiżika jew inkella entità ġuridika, sew jekk pubblika jew inkella privata, f'konformità mas-sistema u l-prattika legali tal-Parti Kontraenti.
- (9) Bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tat-trademarks tal-**Unjoni, dawk reġjonali u nazzjonali** flimkien mal-indikazzjonijiet ġeografiċi, wara li titqies is-salvagwardja rigward id-drittijiet ta' trademarks preċedenti kif stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tal-Att ta' Ġinevra, jenħtieġ li tiġi ssalvagwardjata l-koeżistenza ta' **trade marks** u indikazzjonijiet ġeografiċi preċedenti reġistrati fir-Reġistru Internazzjonali li jingħataw protezzjoni jew jintużaw fl-Unjoni.
- (10) **Minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni, l-Istati Membri li għadhom mhumiex parti għall-Ftehim ta' Lisbona għall-Protezzjoni ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom tal-1958 kif rivedut fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (il-Ftehim ta' Lisbona"), jenħtieġ li ma jirratifikawx jew jaderixxu ma' dak il-Ftehim.**

- (11) *L-Istati Membri li diġà huma parti għall-Ftehim ta' Lisbona jenħtieġ li jkunu jistgħu jibqgħu tali, b'mod partikolari biex jiżguraw il-kontinwità tad-drittijiet mogħtija, u t-twettiq ta' obbligi stabbiliti, f'dak il-ftehim. Madanakollu, jenħtieġ li jaġixxu biss fl-interess tal-Unjoni u b'rispett sħiħ għall-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li daww l-Istati Membri jeżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim ta' Lisbona f'konformità sħiħa mal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Unjoni skont dan ir-Regolament. Sabiex jirrispettaw is-sistema ta' protezzjoni uniformi għall-indikazzjonijiet ġeografiċi stabbilita fl-Unjoni fir-rigward ta' prodotti agrikoli u sabiex isaħħu aktar l-armonizzazzjoni fi ħdan is-suq intern, jenħtieġ li daww l-Istati Membri ma jirreġistrawx skont il-Ftehim ta' Lisbona ebda denominazzjoni ta' oriġini ġdida għal prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 jew (UE) 2019/787.*
- (12) *L-Istati Membri li diġà huma parti għall-Ftehim ta' Lisbona għandhom denominazzjonijiet ta' oriġini rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona. Jenħtieġ li jiġu previsti arranġamenti transitorji biex ikun hemm protezzjoni kontinwa ta' daww id-denominazzjonijiet ta' oriġini possibbli, soġġett għar-rekwiżiti ta' dak il-ftehim, l-Att ta' Ġinevra u l-liġi tal-Unjoni.*

- (13) ***L-Istati Membri*** li diġà huma parti għall-Ftehim ta' Lisbona jipproteġu ***denominazzjonijiet ta' oriġini*** ta' partijiet terzi għal dak il-ftehim. Sabiex jiġu pprovduti bil-mezzi biex jissodisfaw l-obbligi internazzjonali assunti qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra, arranġament transitorju, li jenħtieġ li jipproduċi effetti fil-livell nazzjonali biss u ma jkollu l-ebda effett fuq il-kummerċ fl-Unjoni jew internazzjonali, jenħtieġ li jiġi previst.
- (14) Huwa xieraq li t-tariffi li jridu jitħallsu skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona (ir-"Regolamenti Komuni") għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni mal-Bureau Internazzjonali għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' indikazzjoni ġeografika, kif ukoll it-tariffi li jitħallsu fir-rigward ta' entrati oħra fir-Reġistru Internazzjonali u għall-forniment ta' estratti, attestazzjonijiet, jew informazzjoni oħra dwar il-kontenut ta' dik ir-reġistrazzjoni internazzjonali jenħtieġ li jitħallsu mill-Istat Membru li minnu toriġina l-indikazzjoni ġeografika, ***minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew minn benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jirrikjedu li dik il-persuna fiżika, entità ġuridika jew benefiċjarju jħallas xi wħud mit-tariffi jew it-tariffi kollha.***

- (15) Sabiex jiġi kopert kwalunkwe nuqqas fir-rigward tal-baġit operattiv tal-Unjoni Speċjali, jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tipprevedi, skont il-mezzi disponibbli għal dan l-għan fil-baġit annwali tal-Unjoni, ***kontribuzzjoni speċjali kif deċiża mill-Assemblea tal-Unjoni Speċjali skont l-Artikolu 24(4) tal-Att ta' Ġinevra, minħabba l-valur ekonomiku u kulturali tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.***

- (16) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tas-sħubija tal-Unjoni tal-Unjoni Speċjali, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiġi stabbilita lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li jridu jiġu inklużi fl-applikazzjoni li trid tiġi ppreżentata għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom mal-Bureau Internazzjonali mal-adeżjoni mal-Att ta' Ġinevra u għal kwalunkwe preżentazzjoni sussegwenti ta' applikazzjoni, għar-rifjut ta' oppożizzjoni, għat-teħid ta' deċizzjoni dwar jekk tingħatax jew le protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali, ***għall-irtirar tar-rifjut tal-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali, għat-talba ta' kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali, għan-notifika tal-invalidazzjoni tal-protezzjoni fl-Unjoni ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali, kif ukoll għall-awtorizzazzjoni ta' Stati Membri li jipprevedu kwalunkwe modifika neċessarja fir-rigward tad-denominazzjoni ta' oriġini għal prodott li jkun protett skont ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 jew (UE) 2019/787 u għan-notifika tal-Bureau Internazzjonali b'dan.*** Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>.
- (17) ***Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-għan bażiku li l-Unjoni tkun tista' tipparteċipa fl-Unjoni Speċjali b'tali mod li jiżgura l-protezzjoni effiċjenti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fil-livell internazzjonali li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri dwar azzjonijiet tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan maħsub, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.***

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (18) *Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tissorvelja u tevalwa l-partekipazzjoni tal-Unjoni fl-Att ta' Ġinevra matul iż-żmien. Sabiex twettaq tali evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, inter alia, tqis l-għadd ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u rreġistrati skont il-liġi tal-Unjoni li għalihom ikunu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni internazzjonali, każijiet fejn il-protezzjoni tkun ġiet irrifjutata minn Partijiet Kontraenti terzi, l-evoluzzjoni tal-għadd ta' pajjiżi terzi partekipanti fl-Att ta' Ġinevra, l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni biex dak l-għadd jikber, kif ukoll l-impatt tas-sitwazzjoni attwali tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi dwar l-attrawenza tal-Att ta' Ġinevra għal pajjiżi terzi, u l-għadd u t-tip ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw minn Partijiet Kontraenti terzi u li jkunu ġew irrifjutati mill-Unjoni,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ***u proċeduri*** dwar l-***azzjonijiet*** tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("l-Att ta' Ġinevra").
2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, it-terminu "indikazzjonijiet ġeografiċi" jkopri denominazzjonijiet ta' orġini fit-tifsira tal-Att ta' Ġinevra, inkluż denominazzjonijiet ta' orġini ***fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u (UE) Nru 1308/2013, kif ukoll indikazzjonijiet ġeografiċi fit-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 251/2014 u (UE) 2019/787.***

## Artikolu 2

### Reġistrazzjoni internazzjonali tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ■

1. Mal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra ***u sussegwentement, fuq bażi regolari***, il-Kummissjoni għandha, fil-kapaċità tagħha ***bħala l-Awtorità Kompetenti fit-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra***, tippreżenta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u rreġistrati skont il-liġi tal-Unjoni u li jkunu relatati ma' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni skont l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Att ta' Ġinevra mal-Bureau Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali ("il-Bureau Internazzjonali").

2. *Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex jiġu rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti u rreġistrati skont il-liġi tal-Unjoni. Tali talbiet għandhom jkunu bbażati fuq:*
- (a) *talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew minn benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, jew*
- (b) *inizjattiva tagħhom stess.*
3. *Abbażi ta' tali talbiet, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).*

### *Artikolu 3*

#### *Kanċellazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li toriġina fi Stat Membru u li hija reġistrata fir-Reġistru Internazzjonali*

- 1. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni sabiex titlob lill-Bureau Internazzjonali biex jikkancelła reġistrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali ta' indikazzjoni ġeografika li toriġina fi Stat Membru fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
  - (a) l-indikazzjoni ġeografika ma għadhiex protetta fl-Unjoni;*
  - (b) fuq talba mill-Istat Membru li minnu toriġina l-indikazzjoni ġeografika, abbażi ta':*
    - (i) talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew minn benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra; jew*
    - (ii) inizjattiva tagħha stess.*

2. *L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafi 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).*
3. *Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-Bureau Internazzjonali dwar it-talba għal kanċellazzjoni.*

#### *Artikolu 4*

##### *Pubblikazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiż terz irreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali*

1. *Il-Kummissjoni għandha tippubblika kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali notifikata mill-Bureau Internazzjonali skont l-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra, li:*
  - (a) *li tikkonċerna l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-Parti Kontraenti ta' Orìġini, kif iddefinita fil-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, mhijiex Stat Membru; u*
  - (b) *tkun relatata ma' prodott li fir-rigward tiegħu tingħata protezzjoni fil-livell tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi.*
2. *Ir-reġistrazzjoni internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi referenza għat-tip ta' prodott u l-pajjiż ta' oriġini.*

## Artikolu 5

### Valutazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi irreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali*** nnotifikata mill-Bureau Internazzjonali skont l-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-Parti Kontraenti ta' Orġini, kif iddefinit skont ***il-punt (xv) tal-Artikolu 1*** tal-Att ta' Ġinevra, mhijiex Stat Membru, sabiex jiġi ddeterminat jekk tinkludix il-kontenut obbligatorju stabbilit fir-Regola 5(2) tar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Lisbona u l-Att ta' Ġinevra ("ir-Regolamenti Komuni"), u d-dettalji li jikkonċernaw il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi kif stabbiliti fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti ***Komuni***, u biex jiġi verifikat jekk il-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tkunx relatata ma' prodott li fir-rigward tiegħu **■** tingħata protezzjoni ***fil-livell*** tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha titwettaq fi żmien erba' xhur ***mid-data tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fir-Reġistru Internazzjonali*** u m'għandhiex tinkludi valutazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tal-Unjoni relatati mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti u, b'mod partikolari, għal standards sanitarji u fitosanitarji, standards tal-kummerċjalizzazzjoni jew it-tikkettar tal-ikel.

I

## Artikolu 6

Proċedura ta' oppożizzjoni għal indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi  
rreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali

1. Fi żmien ***erba'*** xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali-f'konformità mal-Artikolu 4, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz minbarra l-Parti Kontraenti ta' Orìġini kif iddefinit skont il-punt (xv) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż terz minbarra l-Parti Kontraenti ta' Orìġini, tista' tressaq oppożizzjoni mal-Kummissjoni.

L-oppożizzjoni għandha ssir f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

L-oppożizzjoni, *imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu* għandha tkun ammissibbli biss jekk tiġi ppreżentata fil-limitu ta' żmien stipulat fil-paragrafu 1 *ta' dan l-Artikolu* u jekk tkun ibbażata fuq waħda jew aktar mir-*raġunijiet* li ġejjin:

- (a) l-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tkun f'kunflitt ma' isem ta' varjetà ta' pjanta jew ma' razza ta' annimal u x'aktarx tiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-orijini vera tal-prodott;
- (b) l-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tkun kompletament jew parzjalment omonima ma' indikazzjoni ġeografika diġà protetta fl-Unjoni u fil-prattika m'hemmx distinzjoni suffiċjenti bejn il-kondizzjonijiet tal-użu lokali u tradizzjonali u l-preżentazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika proposta għall-protezzjoni u l-indikazzjoni ġeografika diġà protetta fl-Unjoni, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati;

- (c) il-protezzjoni fl-Unjoni tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tikser dritt ta' trademark preċedenti ***fil-livell tal-Unjoni, dak reġjonali jew nazzjonali***;
- (d) il-protezzjoni fl-Unjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-pajjiż terz tipperikola l-użu ta' isem identiku kompletament jew parzjalment jew in-natura esklużiva ta' trademark ***fil-livell tal-Unjoni, dak reġjonali jew nazzjonali*** jew l-***eżistenza*** ta' prodotti li tqiegħdu legalment fis-suq għal mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 4;
- (e) l-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tkun relatata ma' prodott li fir-rigward tiegħu l-protezzjoni ***fil-livell tal-Unjoni*** ta' indikazzjonijiet ġeografiċi **■** mhix ipprovduta;
- (f) l-isem li għalih tintalab ir-reġistrazzjoni jkun terminu ġeneriku fit-territorju tal-Unjoni;

- (g) *il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 2(1) tal-Att ta' Ġinevra ma jkunux osservati;*
- (h) *l-indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali tkun isem omonimu li jiżgwida lill-konsumatur biex jemmen li l-prodotti jiġu minn territorju ieħor, anke jekk l-isem ikun preċiż fir-rigward tat-territorju, ir-regġun jew il-post tal-oriġini reali tal-prodotti inkwistjoni.*

3. Ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fir-rigward tat-territorju tal-Unjoni jew parti minnu.

#### Artikolu 7

Deċiżjoni dwar il-protezzjoni fl-Unjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi irreġistrati fir-Reġistru Internazzjonali

1. *Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5, il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu jiġu ssodisfati u ma tasal l-ebda oppożizzjoni jew ma tkun waslet l-ebda oppożizzjoni ammissibbli, il-Kummissjoni* għandha, kif adatt, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tirrifjuta kwalunkwe oppożizzjoni inammissibbli u tiddeċiedi li tagħti protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

2. ***Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5, il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu ma jiġux issodisfati jew tkun waslet*** oppożizzjoni ammissibbli kif stipulat fl-Artikolu 6(2), ***il-Kummissjoni*** għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk tagħtix protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li jkopru prodotti li ma jaqgħux fil-kompetenza tal-kumitati previsti fl-Artikolu 15(1), id-deċiżjoni dwar jekk tagħtix protezzjoni għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni **■** .
3. Id-deċiżjoni li tingħata protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-***paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu*** għandha tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni mogħtija u tista' tinkludi kondizzjonijiet li jkunu kompatibbli mal-Att ta' Ġinevra, u b'mod partikolari tagħti perijodu transitorju definit kif speċifikat fl-Artikolu 17 tal-Att ta' Ġinevra u fir-Regola 14 tar-Regolamenti Komuni.

4. F'konformità mal-Artikolu 15(1) tal-Att ta' Ġinevra, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Bureau Internazzjonali bir-rifjut tal-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali kkonċernata fit-territorju tal-Unjoni, fi żmien sena minn meta tirċievi n-notifika ta' reġistrazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 6(4) tal-Att ta' Ġinevra, **jew, fil-każijiet imsemmijin fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (UE) .../...<sup>+</sup> fi żmien sentejn minn meta taslilha dik in-notifika.**
5. ***Il-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba debitament sostanzjata minn Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu, tirtira, kompletament jew parzjalment, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, rifjut li ġie nnotifikat preċedentement lill-Bureau Internazzjonali. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).***

***Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Bureau Internazzjonali b'tali rtirar mingħajr dewmien.***

---

<sup>+</sup> ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 6929/19.***

## Artikolu 8

### Użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tal-Unjoni li huma relatati mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti u, b'mod partikolari, mal-organizzazzjoni komunitas-swieq agrikoli, standards sanitarji u fitosanitarji, u t-tikkettar tal-ikel. ■
2. Soġġett għall-paragrafu 1, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont dan ir-Regolament jistgħu jintużaw minn kwalunkwe operatur li jikkummerċjalizza prodott f'konformità mar-reġistrazzjoni internazzjonali ta' dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

## Artikolu 9

### ***Invalidazzjoni ta' effetti fl-Unjoni*** ta' indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali

1. Il-Kummissjoni tista', fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba debitament sostanzjata minn Stat Membru, pajjiż terz jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu ***tinvalida, kompletament jew parzjalment, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, l-effetti ta'*** protezzjoni fl-Unjoni ta' indikazzjoni ġeografika, f'waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- (a) l-indikazzjoni ġeografika, ma għadhiex protetta fil-Parti Kontraenti tal-Oriġini;
- (b) l-indikazzjoni ġeografika ma għadhiex irreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali;
- (c) ma tkunx għadha żgurata l-konformità mal-kontenut obligatorju stabbilit fir-Regola 5(2) tar-Regolamenti Komuni jew mad-dettalji dwar il-kwalità, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi kif stabbiliti fir-Regola 5(3) tar-Regolamenti **Komuni**.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija ■ fil-paragrafu **1 ta' dan l-Artikolu** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2) **u biss wara li l-persuni fiżiċi jew l-entitajiet ġuridiċi kif msemmija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew il-benefiċjarji, kif definiti fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra jkunnu ngħataw opportunità jiddefendu d-drittijiet tagħhom.**
3. **Fejn l-invalidazzjoni ma tkunx għadha soġġetta għal appell, il-Kummissjoni** għandha tinnotifika lill-Bureau Internazzjonali mingħajr dewmien dwar l-invalidazzjoni tal-effetti fit-territorju tal-Unjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali tal-indikazzjoni ġeografika ■ f'konformità mal-**punt (a) jew (c) tal-paragrafu 1.**

Artikolu 10  
Relazzjoni mat-trademarks

1. Il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika ma għandhiex tippreġudika l-validità ta' trademark preċedenti *fil-livell tal-Unjoni, dak reġjonali jew nazzjonali* li saret applikazzjoni għaliha jew ġiet irreġistrata f'bona fede, jew akkwistata permezz ta' użu f'bona fede fit-territorju ta' *Stat Membru, unjoni reġjonali ta' Stati Membri jew l-Unjoni*.
2. Indikazzjoni ġeografika rreġistrata fir-Reġistru Internazzjonali ma għandhiex tkun protetta fit-territorju tal-Unjoni fejn, fid-dawl tar-reputazzjoni u l-fama tat-trademark u t-tul ta' żmien li tkun intużat, il-protezzjoni ta' dik l-indikazzjoni ġeografika fit-territorju tal-Unjoni tkun tista' tiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-identità reali tal-prodott.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, **■** trade mark *li tkun* saret applikazzjoni għaliha *jew* ġiet irreġistrata *f'bona fede* jew akkwistata permezz tal-użu, *jekk dik il-possibbiltà hija prevista mil-liġi applikabbli*, f'bona fede *fit-territorju ta' Stat Membru, unjoni reġjonali ta' Stati Membri, jew l-Unjoni, qabel id-data li fiha l-Bureau Internazzjonali jkun innotifika lill-Kummissjoni bil-pubblikazzjoni tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-indikazzjoni ġeografika*, u li l-użu tagħha jikser il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, tista' tibqa' tintuża u tiġġedded għall-prodott ikkonċernat minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, dment li ma teżisti l-ebda raġuni għall-invalidità jew għar-revoka skont ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> *jew skont id-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*<sup>15</sup>. F'każijiet bħal dawn, kemm l-użu tal-indikazzjoni ġeografika u l-użu tat-trademark ikkonċernata għandu jkun permiss.

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 154, 16.07.2017, p. 1).

<sup>15</sup> *Id-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trademarks (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 1).*

## *Artikolu 11*

*Dispożizzjonijiet transitorji għal denominazzjonijiet ta' oriġini li joriġinaw fl-Istati Membri  
diġà rreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona*

- 1. Fir-rigward ta' kull denominazzjoni ta' oriġini li toriġina fi Stat Membru li jkun parti  
għall-Ftehim ta' Lisbona, għal prodott li tkun protetta skont wieħed mir-Regolamenti  
msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fuq  
talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2)  
tal-Att ta' Ġinevra jew benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att  
Ġinevra, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, jagħżel li jitlob jew:*
  - (a) li ssir ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini skont l-  
Att ta' Ġinevra, jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun irratifika jew aderixxa mal-  
Att ta' Ġinevra skont l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE)  
.../...<sup>+</sup>, jew*
  - (b) il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru  
Internazzjonali.*

---

<sup>+</sup> *ĠU: Jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument  
ST 6929/19.*

*L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-għażla msemmija fl-ewwel subparagrafu sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

*Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jivverifika mal-Bureau Internazzjonali jekk hemmx xi modifiki li għandha ssir skont ir-Regola 7(4) tar-Regolamenti Komuni għall-fini ta' reġistrazzjoni skont l-Att ta' Ġinevra.*

*Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprevedi l-modifiki neċessarji u jinnotifika lill-Bureau Internazzjonali. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).*

2. *Fir-rigward ta' kull denominazzjoni ta' oriġini li toriġina fi Stat Membru li huwa parti għall-Ftehim ta' Lisbona, għal prodott li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti msemija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, iżda li mhix protetta skont l-ebda wieħed minn daww ir-Regolamenti, l-Istat Membru kkonċernat għandu, abbażi ta' talba minn persuna fiżika jew entità ġuridika msemija fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att Ġinevra, jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, jagħżel li jitlob jew:*

- (a) ir-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini skont ir-Regolament ikkonċernat, jew*
- (b) il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Internazzjonali.*

*L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-għażla msemija fl-ewwel subparagrafu, u jippreżenta t-talba rispettiva, sa ... [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

*Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitleb ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini skont l-Att ta' Ġinevra, jekk dak l-Istat Membru jkun irratifika jew aderixxa mal-Att ta' Ġinevra skont l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) .../...<sup>+</sup>, fi żmien sena mid-data tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika skont ir-Regolament applikabbli. It-tielet u r-raba' subparagrafi tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw.*

*Jekk it-talba għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament applikabbli tiġi rrifjutata u r-rimedji amministrattivi u ġudizzjarji relatati jkunu ġew eżawriti, jew jekk it-talba għal reġistrazzjoni skont l-Att ta' Ġinevra ma tkunx saret skont it-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jitleb il-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' dik id-denominazzjoni ta' oriġini fir-Reġistru Internazzjonali.*

---

<sup>+</sup> *ĠU: Jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 6929/19.*

3. *Fir-rigward ta' denominazzjonijiet ta' orijini għal prodotti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed mir-Regolamenti msemija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, li għalihom mhijiex provduta protezzjoni fil-livell tal-Unjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, Stat Membru li jkun diġà parti għall-Ftehim ta' Lisbona jista' jżomm kwalunkwe reġistrazzjoni eżistenti fir-Reġistru Internazzjonali.*

*Tali Stat Membru jista' wkoll jippreżenta applikazzjonijiet ulterjuri għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali skont il-Ftehim ta' Lisbona ta' tali denominazzjonijiet ta' orijini li joriġinaw fit-territorju tiegħu jekk ikunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:*

- (a) *l-Istat Membru kkonċernat innotifika lill-Kummissjoni bl-abbozz ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' tali denominazzjonijiet ta' orijini. Tali notifika għandha tinkludi evidenza li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti għal reġistrazzjoni skont il-Ftehim ta' Lisbona; u*

*(b) il-Kummissjoni ma tkunx ħarġet opinjoni negattiva fi żmien xahrejn minn tali notifika; opinjoni negattiva tista' tinħareġ biss wara konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, u fil-każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati fejn l-evidenza mitluba skont il-punt (a) ma tissostanzjax b'mod suffiċjenti li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont il-Ftehim ta' Lisbona jkunu ssodisfati, jew jekk ir-reġistrazzjoni jkollha impatt negattiv fuq il-politika kummerċjali tal-Unjoni.*

*Fil-każ ta' talba għal informazzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni dwar in-notifika magħmula skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu, l-iskadenza għall-Kummissjoni biex taġixxi għandha tkun xahar minn meta tasal l-informazzjoni mitluba.*

*Il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe notifika li ssir skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu.*

## Artikolu 12

Protezzjoni transitorja *għal denominazzjonijiet ta' orġini li joriġinaw minn pajjiż terz irreġistrati skont il-Ftehim ta' Lisbona*

1. L-Istati Membri li kienu *parti* għall-*Ftehim ta' Lisbona* qabel l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Att ta' Ġinevra jistgħu *jkomplu jipproteġu d-denominazzjonijiet ta' orġini li joriġinaw f'pajjiż terz li jkun* parti għall-*Ftehim ta' Lisbona* ■ permezz ta' sistema ta' protezzjoni nazzjonali, b'effett mid-data li fiha l-Unjoni ssir parti kontraenti għall-Att ta' Ġinevra, fir-rigward ta' *denominazzjonijiet ta' orġini* rreġistrati sa dik id-data skont *il-Ftehim ta' Lisbona*.
2. Il-*protezzjoni msemmiya fil-paragrafu 1* għandha:
  - (a) *tiġi sostitwita bi protezzjoni skont is-sistema ta' protezzjoni tal-Unjoni għal denominazzjoni partikolari ta' orġini jekk tiġi pprovduta permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament sussegwentement għall-adeżjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat mal-Att ta' Ġinevra, bil-kundizzjoni li l-protezzjoni pprovduta permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament tippreserva l-kontinwità tal-protezzjoni tad-denominazzjoni ta' orġini rispettiva fl-Istat Membru rispettiv;*

(b) *tieqaf għal denominazzjoni ta' oriġini* partikolari meta l-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali jintemm.

3. Fejn *denominazzjoni ta' oriġini li toriġina f'*pajjiż terz ■ ma tkunx irreġistrata skont dan ir-Regolament, *jew il-protezzjoni nazzjonali ma tiġix sostitwita f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 2*, il-konsegwenzi ta' tali ■ protezzjoni nazzjonali ■ għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istat Membru kkonċernat.
4. Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 għandu **jkollhom** effetti fil-livell nazzjonali biss, u ma għandu jkollhom l-ebda effett fuq il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni jew fuq dak internazzjonali.
5. *L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe notifika mwettqa mill-Bureau Internazzjonali skont il-Ftehim ta' Lisbona. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tittrasmetti dik in-notifika lill-Istati Membri l-oħra kollha.*

6. *L-Istati Membri msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiddikjaraw lill-Bureau Internazzjonali li huma ma jistgħux jiżguraw protezzjoni nazzjonali ta' denominazzjoni ta' oriġini għal prodott li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed mir-Regolamenti msemija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, irreġistrata u nnotifikata lilhom skont il-Ftehim ta' Lisbona mid-data li fiha l-Unjoni ssir Parti Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra.*

## Artikolu 13

### Tariffi

*It-tariffi* li jitħallsu skont l-Artikolu 7 tal-Att ta' Ġinevra, kif speċifikat fir-Regolamenti Komuni, għandhom jitħallsu mill-Istat Membru li fih toriġina l-indikazzjoni ġeografika, *jew minn persuna fiżika jew entità ġuridika kif imsemmi fil-punt (ii) tal-Artikolu 5(2) tal-Att ta' Ġinevra jew minn benefiċjarju kif definit fil-punt (xvii) tal-Artikolu 1 tal-Att ta' Ġinevra. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li dik il-persuna fiżika jew entità ġuridika jew benefiċjarju jħallas xi wħud mit-tariffi jew it-tariffi kollha.*

■

## Artikolu 14

### Kontribuzzjoni finanzjarja speċjali

**Jekk** l-introjtu mill-Unjoni Speċjali **jkun** derivat f'konformità mal-**punt (v) tal-Artikolu 24(2)** ■ tal-Att ta' Ġinevra, l-Unjoni tista' tagħmel kontribuzzjoni speċjali skont il-mezzi disponibbli għal dak il-għan mill-baġit annwali tal-Unjoni.

## Artikolu 15

### Proċedura ta' kumitat

- I.** Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitati li ġejjin fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, fir-rigward tal-prodotti li ġejjin:
- (a) għall-prodotti tas-settur tal-inbid li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, mill-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli stabbilit bl-Artikolu 229 ta' dak ir-Regolament;
  - (b) għall-prodotti tal-inbid aromatizzati kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014, ■ mill-Kumitat dwar il-prodotti tal-inbid aromatizzati stabbilit bl-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament;

- (c) għax-xorb spirituż kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 110/2008<sup>16</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>, mill-Kumitat għax-Xorb Spirituż imsemmi fl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2019/787;
  - (d) għall-prodotti **agrikoli u oġġetti tal-ikel** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, mill-Kumitat għall-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli stabbilit bl-Artikolu 57 ta' dak ir-Regolament.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

### **Artikolu 16**

#### **Monitoraġġ u rieżami**

***Sa ... [sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Att ta' Ġinevra u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-aspetti li ġejjin:***

---

<sup>16</sup> Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008,p.16), parzjalment fis-seħħ sal-24 ta' Mejju 2021.

- (a) l-għadd ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li huma protetti u rreġistrati skont il-liġi tal-Unjoni u li għalihom ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni internazzjonali, u l-każijiet li fihom il-protezzjoni ġiet irrifjutata minn Partijiet Kontraenti terzi;*
- (b) l-evoluzzjoni fl-għadd ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fl-Att ta' Ġinevra u l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid dak l-għadd, kif ukoll l-impatt tas-sitwazzjoni attwali tal-liġi tal-Unjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi dwar l-attraenza tal-Att ta' Ġinevra għal pajjiżi terzi; u*
- (c) l-għadd u t-tip ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżi terzi li ġew irrifjutati mill-Unjoni.*

## Artikolu 17

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-**għoxrin** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Dan ir-Regolament** għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

---

### **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni possibbli tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE biex tkopri prodotti mhux agrikoli**

Il-Kummissjoni tiegħu nota tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-estensjoni possibbli tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE biex tkopri prodotti mhux agrikoli.

Il-Kummissjoni varat studju f'Novembru 2018 biex tikseb iktar evidenza ekonomika u legali dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli fis-Suq Uniku, bħala komplement ta' studju mill-2013, kif ukoll biex tikseb iktar *data* dwar kwistjonijiet bħall-kompetittività, il-kompetizzjoni qarrieqa, il-falsifikazzjoni, il-perċezzjoni tal-konsumatur, il-kostijiet u l-benefiċċji, kif ukoll dwar l-effettività tal-mudelli ta' protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi mhux agrikoli fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Skont il-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar u l-impenji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil aħjar tal-liġijiet, il-Kummissjoni se tifli l-istudju kif ukoll ir-rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Att ta' Ġinevra kif imsemmi fl-Artikolu dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tar-Regolament dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha fl-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar Denominazzjonijiet ta' Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi, u se tikkunsidra l-passi possibbli li jmiss.

### **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9a(3) tar-Regolament**

Il-Kummissjoni tinnota li, filwaqt li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9a(3) tar-Regolament hija ħtieġa legali fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, tista' tafferma madankollu li fil-kuntest tal-acquis attwali tal-UE, kwalunkwe intervent mill-Kummissjoni jkun eċċezzjonali u ġġustifikat kif

xieraq. Matul il-konsultazzjonijiet ma' Stat Membru, il-Kummissjoni se tagħmel l-almu tagħha biex tinstab soluzzjoni komuni mal-Istat Membru għal kull tħassib, sabiex tevita l-ħruġ ta' opinjoni negattiva. Il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe opinjoni negattiva tkun innotifikata bil-miktub lill-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità mal-Artikolu 296 tat-TFUE tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom l-opinjoni negattiva kienet imsejsa. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li opinjoni negattiva ma teskludix is-sottomissjoni ta' applikazzjoni ulterjuri fir-rigward tal-istess denominazzjoni ta' orijini, jekk ir-raġunijiet għall-opinjoni negattiva jkunu ġew indirizzati kif xieraq jew jekk ma baqgħux applikabbli.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' 'Liżbona dwar l-Appellazzjonijiet tal-Orijini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

Il-Kummissjoni tinnota li l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklussiva rigward l-indikazzjonijiet ġeografiċi, u qiegħda taderixxi mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona bħala Parti għaliha nfisha. Dan jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-25/10/2017 (Każ C-389/15 - Il-Kummissjoni vs. il-Kunsill). Fid-dawl tal-kompetenza esterna esklussiva tal-UE, mhux permess li l-Istati Membri jsiru Partijiet għall-Att ta' Ġinevra għalihom infushom, u jenħtieġ li ma jibqgħux jipproteġu indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ġodda rreġistrati minn membri ta' pajjiżi terzi għas-sistema ta' Lisbona. Il-Kummissjoni, konxja miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali billi seba' Stati Membri ilhom żmien twil Partijiet għall-Ftehim ta' Lisbona, u konxja li dawn għandhom proprjetà intellettuali estensiva rreġistrata fil-qafas tiegħu u li hemm bżonn tranżizzjoni bla xkiel, kienet tkun lesta taqbel, eċċezzjonalment, li f'dan il-każ partikulari, BG, CZ, SK, FR, HU, IT u PT setgħu ġew awtorizzati li jaderixxu mal-Att ta' Ġinevra fl-interess tal-UE.

Il-Kummissjoni togħżejjona bil-qawwi għall-insistenza kontinwa tal-Kunsill rigward il-possibbiltà li kull Stat Membru tal-UE li jkun jixtieq, jiġi awtorizzat biex jirratifika jew jaderixxi mal-Att ta' Ġinevra flimkien mal-Unjoni, filwaqt li tagħti bħala raġuni r-regolarizzazzjoni tad-drittijiet tal-vot tal-Unjoni fid-dawl tal-punt (b)(ii) tal-Artikolu 22(4) tal-Att ta' Ġinevra, pjuttost milli ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li, għadarba l-Unjoni diġà eżerċitat il-kompetenza interna tagħha għall-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli, l-Istati Membri tal-UE ma jistax ikollhom sistemi tagħhom stess ta' protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi agrikoli.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni żżomm id-drittijiet tagħha, inkluż id-dritt li tirrikorri għal rimedju legali kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill, u f'kull każ, tqis li dan il-każ ma jistax jikkostitwixxi preċedent għal ebda ftehim ieħor internazzjonali jew tad-WIPO eżistenti jew futur, b'mod partikulari, iżda mhux biss, fejn l-UE diġà tkun irrattifikat ftehimiet hi stess abbażi tal-kompetenza esklussiva tagħha.